**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Marzu 2021**

**Rikors nru: 67/2021 AGV ;**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 19 ta' Frar 2021, fejn espoiet bir-rispett u kkonfermat;**

1. Illi l-esponent u l-intimata zzewwgu fis- 27 ta' Mejju 1995 (Dok A) u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt ulied, E u F it-tnejn maggorenni;
2. Illi l-partijiet sseperaw legalment b' mod defnittiv in forza ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Joseph Abela tal-21 ta' Dicembru 2012

(Dok B). Huma stabbiliew li ma jkun pagabbli ebda manteniment minn parti lil ohra hlief ghal obbligu tar-ragel li jmanti lil ulied.

3. Illi ma hemm ebda possibilita kwalsiasi ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

**L-esponent ghalhekk jitlob bir-rispett illi dil-Onorabbli Qorti joghgobha;**

1. Tiddikjara xolt iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fis-27 ta' Mejju 1995;
2. Tordna li ssir l-annotazzjoni opportun tad-dikarazzjoni tax-xoljiment taz-zwieg taghhom, fl-atti taz-zwieg relattiv.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' CD datata 12 ta' Marzu 2021 fejn espona bir-rispett;**

1. Illi l-esponent kien notidikat permezz ta' rikors datat 19 ta' Frar 2021, pprezentat mill-attrici.
2. Illi permezz ta' dar-rikors ir-rikorrenti qed titlob li z-zwieg ta' bejn il-partijiet ikun xolt.
3. Illi l-esponent m' ghandux oggezzjoni ghal dit-talba.
4. Illi l-esponent jiddikjara illi ma hemmx possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet . Lanqas ma hemm kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet u dan peress illi l-esponent dejjem hallas il-manteniment fil-hin li huwa dovut lil ibnu.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |